Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-398 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa, 25 ta' April, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joe Buttigieg, s-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, s-Sur Keith Pisani, s-Sur Robert Buhagiar u s-Sinjura Calleja.

Is-Sur Kevin Plumpton kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-397 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Dwar il-Kamp Internazzjonali għaż-Żgħażagħ li ser isir fil-Portugal f'Lulju li ġej, is-Sur Bonnici ppropona li s-Sur Joe Mallia ikun wieħed mill-carers li jakkumpanja liż-żgħażagħ matul din l-attivita'. Is-Sur Pace ssekonda din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament.

Item 4 – Approvazzjoni tal-aġġustamenti għall-*Financial Statements*

Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* għas-sena 2011 kif emendati.

Item 5 – Affarijiet Oħra

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li fil-ġimgħat li ġejjin tiġi ppublikata l-ħarġa li jmiss tal-pubblikazzjoni *Ċitta Hompesch*. Il-fuljett informattiv dwar l-attivita' Lejla fil-Belt Hompesch li ser isir nhar is-Sibt 12 ta' Mejju 2012 ser jiġi stampat u mqassam fil jiem ta' qabel din l-attivita'.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta’ filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-399 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 2 ta’ Mejju 2012.

Domenic Agius
Sindku